MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 1216/2004

**Satomi Ujiie**

**Vs**

**Corinne Farrugia f'isimha propju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta L Klub Beautimport Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici talbet li l-konvenuti jhallsu s-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) rapprezentanti danni subiti mill-attrici waqt il-partecipazzjoni taghha bhala mudella f'show organizzat mill-konvenuti, liema danni kienu kkawzati minhabba t-

traskuragni, negligenza u nuqqas ta’ osservazzjoni tar-regoli da parti tal-konvenuti.

Ra r-Risposta tal-konvenuti li biha eccepew li m’hemm ebda referenza ghal liema show. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. Illi l-konvenuti organizzaw hair fashion show u l-mudelli jissottomettu ruhhom ghall-professjonisti fil-qasam li jaghmlulhom hairstyles.

Illi l-konvenuti bl-ebda mod ma kienu traskurati jew negligenti u ma kien hemm l-ebda regola x’wiehed josserva f’dak li ghandu x’jaqsam ma’ stil ta’ xaghar. Illi l-attrici ma subit l-ebda danni kif qed tghid u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti.

Sema’ x-xhieda ta’ Satomi Ujiie u ta’ Corinne Farrugia.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ t-trattazzjoni ta’ Dr Claire Bonello ghall-attrici u l-PL Pauline Mallia ghall-konvenuti.

**Ikkunsidra**

Illi l-konvenuti organizzaw hairdressing show fl-10 ta’ Novembru, 2003 fil-Corinthia Jerma Palace Hotel. Qabel ma sar dan ix-show il-konvenuti ghamlu sejha ghall-mudelli volontiera li attendew ghall-process ta’ selezzjoni ftit granet qabel. Il-patt kien li huma joffru s-servizzi taghhom volontarjament izda ma jhallsux ghall-hairstyling. Waqt il-process ta’ selezzjoni ta’ mudelli l-attrici kienet akkompanjata mill-partner taghha Damian Busuttil. Gew maghzula dawk il-mudelli li accettaw li jinqataghlhom xagharhom u dawk li ma riedux li jinqataghlhom xagharhom. L-attrici accettat li fix-show jinqatghalha xagharha u fil-fatt, il-Hadd ta’ qabel ix-show hija marret sabiex xagharha jigi *dyed* kif xtaqu l-hairdressers. Hawn ukoll kien prezenti l-imsemmi Damian Busuttil.

Kif affermat il-konvenuta, l-attrici hija persuna misthija u ma tantx tifhem bl-Ingliz u ghalhekk kollox kien jigi spjegat lil Damian li da parti tieghu kien jispjega lill-attrici. Mhux

eskluz li setgha kien hemm xi nuqqas ta' kommunikazzjoni.

Ghal dan ix-show kien hemm hairdressers Maltin kif ukoll barranin u l-attrici giet indikata li jkollha xagharha maqtugh minn wiehed mill-hairdressers Taljani (Gaspare) li fl-opinjoni tal-konvenuti huwa hairdresser prominenti.

Sar ix-show u dakinhar tax-show sar il-*cut* u *styling* li oghgob lill-hairdresser u ma ntqal xejn izda wara x-show l-attrici lmentat li xtaqet li xagharha jigi ri-kulurit ghal kif kien qabel. Is-socjeta' konvenuta offriet, bhalma solitament taghmel, li l-istess hairdressers jergghu jizbghu x-xaghar ta' l-attrici u jergghu jgibuh ghal kif kien qabel jew, stante li minn *brand* ghall-iehor jistghu jvarjaw xi ftit il-kuluri, jkun simili kemm jista' jkun. Jidher illi l-attrici m'accettatx din l-offerta u ghazlet illi tizbogh xagharha ghand xi haddiehor.

In segwitu l-attrici lmentat li l-*cut* ta' xagharha ma kienx joghgobha u kienu qatghulha wisq u dan partikolarment billi qabel ix-show kellha xagharha twil u ghalhekk bhala mudella ta' nisel Gappuniz ma setghetx timmudella kif xtaqet hi. Hija tilmenta illi minhabba f'hekk hija anki tilfet opportunitajiet li timmudella l-Gappun u apparti dan ilmentat illi nefqet spejjez sabiex xagharha jigi ri-kulurit kif xtaqet hi u kellha T-shirt li gie ddanneggjat meta kien qed jinzebghalha xagharha l-ewwel darba.

Il-konvenuti kienu obbligati li jaghtu s-servizz minnhom offrut billi juzaw reasonable care u professjonalita' fis-servizz.

Huma qed jaghmlu xoghol fuq mudelli li xogholhom jezigi li huma jkunu "fully groomed" ghall-okkazjoni. M'hijiex difiza sufficjenti li jghidu li x-xoghol sar min-nies professjonali ghaliex anki nies professjonali jizbaljaw u jkunu traskurati.

Fil-kaz odjern pero' jirrizulta illi, salv dak li jinghad iktar tard, dak li sar ma' l-attrici sar bir-reqqa u professjonalita' u r-rizultat kien tajjeb. Anki r-ritratt mehud ix-show juri dan. L-attrici ppartecipat volontarjament f'dan ix-show u

hadd ma gieghla. Ix-show jidher li kien success. L-attrici tat il-kunsens taghha sabiex xagharha jigi kkulurit u li jigi *cut* u *styled*. Mhux eskluz li l-attrici ma hasbitx li l-*cut* u l-bdil fl-istil ta' xagharha ser ikun daqshekk drastiku u dan forsi minhabba nuqqas ta' kommunikazzjoni minhabba li hija kienet qed tiddependi minn dak li jfissrilha l-partner taghha.

A bazi ta' dawn ir-rizultanzi t-Tribunal ma jidhirlux illi hemm provi sufficjenti li kien hemm xi forma ta' negligenza jew traskuragni jew nuqqas ta' osservazzjoni da parti tal-konvenuti f'dawk li jirrigwarda *colouring, cut* u *styling*.

B'danakollu t-Tribunal jidhirlu illi, b'certa kwalifiki, l-konvenuti ghandhom jaghmlu tajjeb ghall-hsara sofferta mill-attrici biex tigi ri-integrata kemm fir-rigward tat-T-shirt kif ukoll sabiex il-kulur ta' xagharha jigi kif kien taghha.

M'ghandux dubju li effettivament dan gie rrovinat minhabba d-*dye.* Veru li waqt dan il-process intuza overall tal-plastic pero' huwa daqstant evidenti li dan ma kienx bizzejjed ghaliex xi ftit kulur waqa' fuq it-T-shirt. L-attrici ssostni li dan it-T-shirt kellu valur ta' hmistax-il lira Maltin (Lm15) izda stante li dan probabbilment kien gja' wzat ghandha tinghata biss nofs il-valur tieghu. L-attrici qieghda titlob ukoll spiza li hija nkorriet sabiex terga' tikkolorixxi xagharha ghal kif kien qabel izda stante li l-konvenuti offrew dan is-servizz, hija m'ghandhiex tiehu *refund* totali, izda r-*refund* irid ikun wiehed parzjali u ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi kumpens ta' ghoxrin lira Maltin (Lm20) ghandu jkun sufficjenti. L-attrici tilmenta li tilfet opportunitajiet li timmudella l-Gappun. It-Tribunal ma jsibx li dan gie sufficjentement ippruvat. Anzi mill-provi prodotti jirrizulta illi wara x-show l-attrici mmudellat ftit granet wara band' ohra f'show prominenti tant illi r-ritratt taghha ngab f'*magazine* u ghalhekk dan l-ilment ma jirrizultax.

Stante li hemm avarija kbira bejn l-ammont mitlub mill-attrici u dak li ser jigi milqugh mit-Tribunal, it-Tribunal

ihoss li ghandu jkun hemm rifless ukoll fuq il-kap ta' l-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attrici s-somma ta' sebgha u ghoxrin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm27.50c). L-ispejjez ikunu kwantu ghal $^{1}/_{10}$ ghall-konvenuti u $^{9}/_{10}$ ghall-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------